

Settembru 2018 — Ħarġa 314

# Ħolqa Bejnietna

Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Ngħożżu l-ħajja bl-imħabba

Il-Papa Franġisku għoġbu jaħtar lill-Mons. Joseph Galea Curmi bħala l-Isqof Awżiljarju ġdid ta' Malta. Mons. Joseph Galea Curmi għażel bħala motto tal-ħidma tiegħu l-frażi: *Vitam alere caritate* li jfisser 'Ngħożżu l-ħajja bl-imħabba'.



**Ngħożżu l-ħajja umana**

B'din il-frażi, l-Isqof Joseph iridna ngħożżu l-ħajja mill-bidu nett tagħha, jiġifieri mit-tnissil meta għadha ftit ċelloli, sat-tmiem naturali tagħha. Ngħożżu l-ħajja għax hi esperjenza sabiħa meta għadha fil-ġuf, il-mument tat-twelid tat-tarbija u kull ġurnata li l-bniedem jgħix.

Biex tifhem xi tfisser li qed tgħix u tieħu n-nifs saqsi lil min kien maqbud fuq dgħajsa żgħira f'nofs il-Mediterran jew min hu nieqes mill-affarijiet bażiċi tal-ħajja jew fil-ħabs jew ippersegwitat minħabba twemmin jew ideal.

Ngħożżu l-ħajja meta nipproteġuha minn kull periklu fiżiku jew emozzjonali fid-dar, fil-postijiet tax-xogħol u divertiment kif ukoll fit-toroq tagħna. Il-ħajja umana hi għażiża għax hija don ta' Alla mogħtija lilna biex inħarsuha u nipproteġuha.

**Ngħożżu l-ħajja bl-imħabba**

Hi l-imħabba li tgħinna nsibu l-milja f'ħajjitna. Il-ħajja hi sabiħa meta ngħixuha bl-imħabba magħna nfusna u mal-proxxmu tagħna. Kliemna u għemilna għandhom iwasslu din l-imħabba, ukoll fid-dettalji żgħar ta' kuljum. Hi din il-qalb mimlija mħabba li tgħinna ngħidu kelma ta' ġid, ta' inkoraġġiment, ta' kompassjoni, ta' maħfra.

Fl-istess waqt għandna naħdmu kontra dak kollu li joħloq il-firda u jġib il-mibegħda, dak li jinsulta jew iweġġa'. L-imħabba tagħmel mill-ħajja ordinarja tagħna ħajja bis-sens, ħajja li togħġob u tagħti ġieħ lil Alla.

Flimkien bħala komunità parrokkjali ta' Wied il-Għajn nitolbu għal Mons. Joseph Galea Curmi sabiex matul din il-missjoni avdata lilu jkompli jurina l-wiċċ tal-imħabba u l-ħniena ta' Alla u nawgurawlu sabiex ikompli jkun **missier twajjeb li jmantni lil uliedu bl-għożża u bl-imħabba.**

Kunu mberkin<br>
Dun Roderick Camilleri<br>
Kappillan



# Nikbru fil-kreattività

Sur Ethelbert Fenech — Surmast tal-Iskola Primarja, Wied il-Għajn

Wara sena oħra ta' ħidma flimkien mal-edukaturi fl-iskola tagħna, nistgħu ngħidu li għal darb'oħra tajna l-aħjar esperjenza edukattiva lill-istudenti li jattendu fl-Iskola Primarja ta' Marsaskala fi ħdan il-Kulleġġ San Tumas More. Il-popolazzjoni tal-iskola qed tikber u bħalissa għandna 'l fuq minn 825 student li jġibu magħhom realtajiet multikulturali differenti.

Flimkien mal-membri tal-amministrazzjoni tal-iskola, ħdimna flimkien u saħħejna l-prattiċi tagħna billi offrejna iktar sapport lill-għalliema. B'hekk huma jkunu jistgħu jwasslu lill-istudenti jilħqu l-potenzjal massimu tagħhom billi jipparteċipaw f'attivitajiet interattivi u multisensorjali, fejn it-tagħlim ikun jista' jiġi pprattikat f'kuntest biex jagħmel aktar sens.

Bħala edukaturi, dejjem nibqgħu nimxu fuq ir-rakkomandazzjonijiet ipprovduti mill-istrateġija 'Edukazzjoni għal Kulħadd', li tħejji lill-istudenti biex jgħixu f'soċjetà li qed tevolvi. Matul is-sena skolastika 2018-2019 se jitniedu għadd ta' inizjattivi ġodda li għandhom l-għan li jgħinu lill-istudenti jilħqu dawn il-miri bil-pass individwali tagħhom. L-assessjar kontinwu se jgħin biex l-istudent jingħata s-sapport ħalli jitla' t-taraġ tat-tagħlim skont il-ħiliet tiegħu.

Se naħdmu fuq qasam ieħor bħala parti mill-istrateġija tal-Assessjar għat-Tagħlim. Dan hu dak li nagħtu *feedback* ta' kwalità fejn nindikaw dak li għandu jsir biex l-istudent ikun jista' jibni fuq it-tajjeb tiegħu, ix-xogħol jitjieb u jasal għall-pass li jmiss. Pjan t'azzjoni ieħor huwa dak li nużaw aktar strateġiji multisensorjali biex ngħinu lill-istudenti bid-dyslexia minħabba li dawn l-istrateġiji jgħinu wkoll lill-kumplament tal-istudenti u b'hekk jitgħallmu b'mod li jgħinhom jifhmu aħjar.

**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Physics Intermediate**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**





# "Here and Now" - an ERASMUS+ Training Course

hosted by YMCA Baia Mare, Romania

Nigel Freni, Matthew De Giovanni and I were given the opportunity to go for this training course representing 'Youths Marsaskala'. The Training Course was on



using outdoor spaces creatively. This included hikes towards the mountain top, basic uses of ropes and knots, orienteering and basic concepts of how these can be used individually or all together to create original and creative outdoor games and activities. Life at 900mtrs above sea level was different compared to the 30mtrs we are used to at Marsaskala. Nevertheless it was undoubtedly an unforgettable experience which has taught us all a lot of skills which can now benefit local teens and groups. We'd like to thank all responsible parties which made this course a reality for us and for their professionality and organisation of the Course.




We look forward to use these concepts here in our group whilst building upon the skills and ideas that we have gained.

Adrian Mercieca
President, Youths Marsaskala

**It was undoubtedly an unforgettable experience**

*ym.*



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Settembru 2018

| | | |
|---|---|---|
| **2** | **Il-Ħadd** | **It-22 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>**Jum Wied il-Għajn – fid-9:15am Quddiesa u wara tberik tal-annimali fuq iz-zuntier.** |
| 6 | Il-Ħamis | Fit-8.30am tluq minn quddiem is-Sala Sant'Anna sabiex nanimaw il-quddiesa u l-adorazzjoni għall-bżonnijiet tas-seminaristi u għal aktar vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat.<br>Inkunu lura fil-11.30am. |
| 7 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>Wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| 8 | Is-Sibt | **It-Twelid tal-Verġni Mbierka Marija.**<br>Il-quddies ikun bħal ta' nhar ta' xogħol u nħeġġukom sabiex tattendu u nitolbu flimkien. |
| **9** | **Il-Ħadd** | **It-23 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| **16** | **Il-Ħadd** | **L-24 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 22 | Is-Sibt | Fil-5.15pm Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **23** | **Il-Ħadd** | **Il-25 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>**Fl-10:15am Quddiesa u l-Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha bl-interċessjoni ta' Sant'Anna.** |
| 24 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| 28 | Il-Ġimgħa | **Fis-6:30pm Quddiesa u wara Seminar fis-Sala Sant'Anna għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-Parroċċċa tagħna.**<br>Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni. |
| **30** | **Il-Ħadd** | **Is-26 Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>**Fid-9:15am Quddiesa bit-tberik tal-basktijiet tal-iskola.**<br>Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida. |

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b'mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**